# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tat-Tlieta 17 ta' Jannar 2023**

**Talba nru. 174/2021**

**MIRIAM VELLA**
**(EZERCJENTI FIL-KUMMERC BHALA LEO IRONMONGERY)**

***VERSUS***

**ALEXEI GAFA**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaypprezentata fis-16 ta' Gunju 2021 l-attrici talbet lill-konvenut ihallasha l-ammont ta' hames mija u disgha Ewro  u tlett centezmi (Eur 509.03) ghall-oggetti u prodotti ta' ironmongery liema oggetti u prodotti gew mibjugha u ikkonsenjati lill-konvenut fuq ordni tieghu stess u dan hekk kif ser jirrizulta fis-smiegh tal-kawza de quo u mill-fattura annessa u mmarkata MV001.

Illi nonostante li l-konvenut kien diversament interpellat bonarjament sabiex jithallas l-ammont pendenti, l-konvenut xorta baqa inadempjenti.  Ghalhekk ir-rikorrenti talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara u jiddeciedi illi l-konvenut huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' Eur 509.03 ghal materjal u prodotti lilu kkonsenjati.  L-attrici talbet illi l-ammont mitlub ghandu jithallas bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluz l-ittra legali datata 13 t'April 2021 annessa mat-Talba.

Ra li wara li saru diversi tentattivi għan-notifika tal-konvenut, kellha tiġi adoperata l-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali.

Illi il-konvenut gie notifikat permezz tal-procedura ta' l-affissjoni fit-2 ta' Marzu 2022 fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Marsaskala u fil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala (Fol 15).  Saret notifika fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Mejju 2022 kif jidher a Fol. 16.  Fit-18 ta' Mejju 2022 saret ukoll il-pubblikazzjoni f'gurnal lokali.  Illi minhabba illi r-riferta ta' l-affissjoni fl-indirizz tal-konvenut kienet ghadha negattiva, l-attrici

ressqet rikors fl-20 ta’ Mejju 2022 sabiex tigi ezentata mill-procedura ta’ l-affissjoni mal-post residenzjali tal-konvenut u n-notifika tistrieh fuq l-affissjoni permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u f’gurnal lokali.

Illi t-Tribunal permezz ta’ digriet datata 25 ta’ Mejju 2022 ezenta lill-attrici milli tipprosegwi u/jew taghmel tentattiv iehor ta’ notifika permezz ta’ l-affissjoni mal-post ta’ residenza tal-konvenut.

Ra illi wara li l-konvenut gie nnotifikat huwa la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal-attur. Ghalhekk, il-konvenut waqa’ fi stat ta’ kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u li fil-25 ta’ Novembru 2022, gie ddikjarat li ma kienx hemm iktar provi.

Illi fid-dawl ta’ dak kollu registrat, it-Tribunal halla din it-Talba ghas-sentenza.

<u>It-Tribunal ikkunsidra</u>;

Illi fl-udjenza tal-25 ta’ Novembru fl-affidavit bil-gurament ipprezentat mill-attrici gie konfermat illi hija proprjetarja ta’ hanut bl-isem Leo Ironmongery fiz-Zejtun u li Alexei Gafa kien klijent taghha u kien akkwista oggetti u prodotti ta’ ironmongery.

Illi l-istess konvenut Gafa ghandu kont pendenti fl-ammont ta’ hames mija disgha Ewro u tlett centezmi (Eur 509.03). Illi flimkien mat-Talba gie ipprezentat dokument bil-lista ta’ oggetti li nxtraw mill-konvenut u li jammontaw ghall-imsemmi ammont ta’ Eur 509.03 (Dok. MV001)

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi,

“*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.” Il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, “Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u ddisposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.*”

Minn qari ta’ din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma’ lill-parti mharrka f’kaz li din ma tidhirx quddiemu. Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie notifikat. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta’ l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex isseh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenut ghalhekk, kien fi

stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2022.

Ix- xhieda ta' Miriam Vella hija sodisfaċenti u kompluta filwaqt li t-Tribunal josserva li l-konvenut ma ressaq ebda difiża u ebda prova in kontradizzjoni ta' l-attrici. It-Tribunal, għalhekk, m'għandu ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità tax-xhieda tagħha.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba ta' l-attrici da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara *Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et* deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u ra l-affidavit ta' l-attrici flimkien mad-dokument MV001, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li l-attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' hames mija u disgha Ewro u tlett centezmi (EUR 509.03), bl-imgħax, liema imgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi mis-16 ta' Gunju 2021 li hja d-data tal-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mil-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur